**Kont u nibqa' niggustak**

Il-Providenza riedet tlaqqagħna
Għal dal-vjaġġ li għamilna flimkien,
Li ntemm fuq l-art sewwa f'dal-jum
Fejn tirt lejn is-sema bla dewmien.

Niftakrek tassew qisu issa
Lest ħerqan biex tisma' l-quddiesa,
Bil-ħerqa ta' tifel li jwettaq
Dmirijietu mingħajr mittiefsa.

Xi mħabba urejt għal uliedek
Lilhom bl-aqwa mħabba hekk rabbejt,
Tajthom l-ogħla edukazzjoni
Tfaħħarhom, kienu l-mimmi t'għajnejk.

X'ma għamiltx għall-familja li ffurmajt
Sagrifiċċji bla għadd int wettaqt,
Is-skiet biss ta' ħajja bil-għaqal
Jisħaq valuri li fuqhom sħaqt.

Niżik ħajr ta' kemm int kellimtni
Kemm drabi wrejtni apprezzament,
Għallimtni li min jaf jgħix juri
Mħabba ġeneruża f'kull mument.

Ħabib, fis-sempliċità tiegħek
Ġibtni f'tiegħi dwar il-karità,
Urejtni, saħħaħtni fil-fehma
li nwieġeb fiss għas-sensibiltà.

Kemm bqajt rikonoxxenti ħija
Għan-naqra tiegħi bqajt bil-wisq grat,
Int xempju kbir tal-gratitudni
Fuq din kont u nibqa' niggustak.

Patri Mario Attard OFM Cap
10 ta' Marzu 2024

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.